SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 31**

**IL-ĦAMIS 17 ta' NOVEMBRU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊ SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER (wasal fis-6.00p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER (wasal fil-5.45p.m.) |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

1. Il-Kunsillier Fenech talab sospenzjoni tal-laqgħa sabiex tingħat talba għal ruħ is-Sur Paul Aquilina li ħalla din id-dinja fl-14 ta' Novembru 2009. Is-Sur Aquilina kien attivist fil-Kunsilli Lokali. Is-Sindku, Viċi Sindku ssekondaw. Il-Kunsill qabel.
   Il-laqgħa reġgħet bdiet bil-5.40p.m.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 30 ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati kif emmendati. Is-Sindku pproponiet. Il-Viċi Sindku ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier Fava staqsa dwar ir-rapport mill-wardens "Sliema Joint Committee" li kellu jindika kemm ingħataw citazzjonijiet f' dawn l-aħħar 6 xhur fi Triq is-Sidra kantuniera ma' Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-perjodu indikat ingħataw 32 citazzjoni.

2. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk waslitx xi informazzjoni mill-awtoritajiet ikkonċernati dwar l-esprojazzjoni ta' l-art u l-bini taċ-ċint tas-sejjieħ fin-naħa ta' fuq ta' Triq is-Swieqi [l-aċċess għall-Wied u San Ġwann]. Is-Sindku nfurmat li dan is-suġġett ġie diskuss ma' l-Onorevoli Chris Said fl-aħħar laqgħa li saret miegħu pero' sa issa għad ma waslitx risposta.

3. Il-Kunsillier Fava staqsa dwar ir-rapporti finanzjarju ta' SkolaSajf u Jum is-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn għad ma tlestewx minħabba li uħud mill-Kuntratturi għad ma bagħtux il-kontijiet.

4. Il-Kunsillier Fava staqsa dwar jekk waslitx xi informazzjoni dwar l-iskema ta' resurfacing tat-toroq tal-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għad ma waslet l-ebda kommunikazzjoni dwar din il-materja. Il-Kunsillier ppropona li għandha tinkiteb ittra lill-Onorevoli Chris Said biex jiġi stabbilit fl-liema stadju waslet din l-iskema.
   Il-Kunsillier Fenech għalkemm qabel mal-proposta tal-Kunsillier Fava pero' ppropona li l-korrispondenza għandha tinkiteb aktar tard biex jingħata ċans x' ser jirriżulta mill-Budget. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ssekkondaw il-proposta tal-Kunsillier Fenech.
   Il-Kunsillier Fava talab li jittieħed vot dwar il-proposta tiegħu w wara dwar il-proposta tal-Kunsillier Fenech.

**HUGH ZAMMIT** | **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

Il-Kunsillier Fenech informa li għandu jittieħed vot wieħed dwar meta għandha tintbagħat l-ittra.
Il-Kunsillier Fava oġġezzjona. Wara diskussjoni, ġie deċiż li għandu jittieħed ruling mid-dipartiment.

5. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk waslitx xi risposta mingħand l-Onorevoli Chris Said dwar l-intervent li kellu jagħmel mall-MEPA dwar il-fondi tal-UIF.
   Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta. Is-Sindku nfurmat li dwar dan l-istess suġġett kellha kommunikazzjoni permess ta' telefonata ma Dr. Said. Dan wiegħed li qed jaħdem fuq il-proposta biex il-fondi jkunu jistgħu jintużaw ghall-proġett ta' bini ta' l-uffiċċini Aministrattivi tal-Kunsill.

6. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk sarux xi żviluppi mill-Kunsill taż-żgħażagħ. Is-Sindku nfurmat li waslu l-leaflets u diġa bdew jitqassmu fid-djar.

7. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk waslitx xi risposta mill-ADT dwar is-sistema tal-one way fi Triq Markiż J. Scicluna. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

8. Il-Kunsillier Fava nforma dwar il-laqgħa li għandha ssir fil-Kunsill mall-GRTU u s-sidien tal-ħwienet ta' Triq l-Uqija u Triq ta' l-Ibrag. Hu sostna li din il-laqgħa għandha ssir f' ħin addattat li jistgħu jattendu l-Kunsillieri. Il-ħin addattat huwa bejn il-5.00 u l-5.30p.m. Il-Kunsillier insista li f'din il-laqgħa għandhom jiġu mistiedna jattendu r-residenti taż-żona.

9. Il-Kunsillier Fava staqsa dwar meta kienet saret is-sejħa mall-Kunsilli Lokali biex tintela' il-vaganza ta' skrivana li għandha fil-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-informazzjoni tingħata fis-seduta li jmiss.

10. Il-Kunsillier Fenech informa dwar bankina imkissra quddiem il-kostruzzjoni li qed issir fi Triq is-Sidra. Hu insista wkoll li għandu jinbena ċint/fencing sabiex iservi ta' sigurta' għal kull minn juża' l-bankina. Il-Viċi Sinku ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-Kuntrattur.

11. Il-Kunsillier Fenech esebixxa mumru ta' ċitazzjonijiet li ingħataw lilu f' dawn l-aħħar 3 ġimgħat. Hu sostna li dawn iċ-ċitazzjonijiiet ingħataw mingħajr raġuni valida. Filfatt il-Kunsillier irraporta li diġa ikkontesta uħud minnhom u ġie illiberat.
    Il-Kunsillier Shephard ġibed għall-attenzjoni li uħud miċ-ċitazzjoni ingħataw minn Pulizija tat-Traffiku u mhux mill-wardens kif ukoll li ingħataw f'lokalitajiet oħra w mhux fis-Swieqi. Is-Sindku nfurmat li ser tressaq din l-informazzjoni għall-attenzjoni tal-kumitat konġunt fl-ewwel seduta li jmiss.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

12. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk waslitx xi risposta dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet tal-culverts.
    Is-Sindku wieġbet li għad ma waslet l-ebda konferma.
    Il-Kunsillier Fava staqsa dwar meta kienet l-ewwel talba li saret lill-Ministeru tar-Risorsi umani biex isiru l-imsemmija culverts.

13. Il-Kunsillier Curmi staqsa l-ammont ta' spejjes ta' dawl li qed jintuża fit-Tennis Court u l-ġnien ta' Triq il-Ħemel.

14. Il-Kunsillier Curmi staqsa dwar il-kwotazzjonijiet tad-dawl tal-Milied u tas-servizzi ta' accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ser jiġu ppreżentati aktar il-quddiem.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li l-bibien tat-Tennis Club house inbidlu. Dawn saru ġodda tal-ħadid. Il-Kunsill ġie nfurmat li għandu kwotazzjoni ta' €1327 għas-sistema ta' mekkaniżmu biex jinxtegħlu floodlights pero' dalwaqt ser tasal kwotazzjoni oħra mingħand l-istess kuntrattur għal sistema aħjar (sistema b' card personali) bħal dik li tintuża f' Pembroke. Fil-frattemp ħadd ma jista' jilgħab bil-lejl minħabba li ħadd ma għandu aċċess għal mains tad-dawl. Il-Kunsill għażel li jistenna l-kwotazzjoni l-oħra.
   Il-Kunsillier Fava staqsa biex isiru kuntatti mad-dipartiment tal-Gvern Lokali biex jitħaffef il-proċess tad-devoluzzjoni.

2. Is-Sindku ppreżentat kwotazzjoi ta' U bars li jiġu nstallati madwar il-bandli bħala sigurta' fi ġnien Sant'Andrija. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €3605.25. Il-Kunsill talab biex jintalbu aktar kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li sakem isiru l-imsemmija U bars, jinqalgħux il-bandli u dan minħabba sigurta'. Il-Kunsill iddiskuta li l-bandli, minħabba li l-katina hija qasira ma humiex daqstant ta' periklu u għaldaqstant dawn ma għandhomx jiġu mneħħija.

3. Is-Sindku ppreżentat petizzjoni mingħand residenti ta' Triq is-Sirk. Dawn qed jilmentaw li ma jaqblux li Triq is-Sirk tinbidel għal 2 way flok one way kif qegħda bħalissa.
   Il-Kunsillier Fava ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jistenna sakemm tasal t-tweġiba mingħand l-ADT u wara ssir konsultazzjoni mar-residenti. Il-Kunsill qabel.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU(jkompli................)

4. Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill leaflet/applikazzjoni għall-attivita' Kunsill taż-żgħażagħ. Dawn il-leaflets diġa qed jitqassmu f' kull dar. Il-Kunsill ġie nfurmat li f' din il-lokalita' iridu jiġu eletti 7 żgħażagħ.
   Il-Kunsill rrikomanda li fil-laqgħat li dawn ikollhom importanti li jkunu preżenti xi kunsillier jew is-Sindku. Il-minuti għandhom jintbagħtu lil kull kunsillier flimkien mall-minuti tal-Kunsill. Il-Kunsillier Fenech jaqbel li għandu jkun hemm rappreżentanza tal-Kunsill kull meta dawn iż-żgħażagħ jagħmlu laqgħa.

5. Dawl tal-Milied.
   Is-Sindku ppreżentat 4 kwotazzjonijiet għat-tiżjin ta' dawl dekorattiv għall-Milied. Il-kwotazzjonijiet jinqraw kif ġej:

| | |
|---|---|
| Noel Borg | €1650 |
| Mica Med | €6988 |
| DB Installations | €2124 |
| Walter Muscat | €1850 |

   Il-Kunsill ideċieda dwar l-aktar offerta vantaġuża.

6. Ġew ippreżentati kwotazzjonijiet għal servizzi ta' accountant. Dawn il-kwotazzjonijiet inqraw kif ġej:-

| | |
|---|---|
| G.M.M Business Solutions | €2660 |
| David Zammit | €6500 |
| Erremme Business Advisors | €6000 |

   Il-Kunsill ideċieda dwar l-aktar offerta vantaġuża.
   Il-Kunsill talab li għandha ssir klawsola fil-kuntratt il ġdid li tesiġi li meta ir-rapporti tax-xahar jaslu tard u l-istess ta' 3 xhur, għandha titnaqqas €30 mill-pagament tax-xahar u €50.00 mill-pagament tat-3 xhur. Il-Kunsill Fenech ippropona. Il-Kunsillier Fava ssekonda. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika ma' l-accountant u jispjegalu din il-klawsola.

7. Is-Sindku ppreżentat lil kull kunsillier rapport finanzjarju li jkopri x-xhur minn April sa Ottubru 2009. Dan ir-rapport qed juri pozzjoni posittiva pero', is-Segretarju Eżekuttiv ġibed għall-attenzjoni li l-fond allokat għad-dawl għas-Sena kollha diġa qabeż €8411. Is-Segretarju insista li din is-Sena sa Marzu 2010 ma jsirux aktar proġetti li jinvolvi dawl ġdid.

8. Is-Sindku staqsiet dwar l-ikla għall-Kunsillier tal-Milied. Hi ser tindika l-post aktar il quddiem. Ġie deċiż li din l-attivita' ser issir fit-28 ta' Diċembru 2009.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU(jkompli................)**

9. Is-Sindku ppreżentat kwotazzjonijiet tal-fencing fil-ġnien ta' Sant'Andrija. Din tammonta għal €1131.45 f'xibka miksija bil-plastic aħdar. Kwotazzjoni oħra ta' €881 f'kanen tal-1" għal reinforce.
Il-Kunsill aċċetta din il-kwotazzjoni u talab biex ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fies. Is-Segretarju informa li dawn ix-xogħlijiet ma jistawx jibdew għalissa peress li l-kuntrattur (MSD Lija) qed jaħdmu fi pjazza San Ġorġ il-Belt.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

**Kunsillier Paul Fenech**

Il-Kunsillier informa li fil-Budget 2009/2010 il-Gvern ħabbar diversi inizjattivi u skemi. Hu ssuġġerixxa li għandu jinħatar kumitat adhoc biex jistudja dwar dawn l-iskemi. Il-Kunsill iddeċieda li s-Sindku u l-Kunsillieri Fenech u Fava għandhom jiffurmaw dan il-Kumitat.

**Kunsillier Gordon Shephard**

1. Il-Kunsillier irraporta problemi ta' dawl fiż-żona kollha tal-Madliena. Hu irrefera wkoll għal Triq Zejni. Il-Kunsillier ġie nfurmat li qed isiru arranġamenti bejn il-Kuntrattur u l-Enemalta sabiex il-ħsara tissewwa mill-aktar fis.

2. Il-Kunsillier irraporta ukoll xi construction waste fiż-żona ta' Triq Żejni. Sar qbil li ssir laqgħa fuq il-post. Għal din il-laqgħa jkun preżenti s-Sur Simon Cioffi mid-department tar-risorsi umani u l-Viċi Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkordina din il-laqgħa.

**Kunsillier Rene' Rossignaud**

3. Il-Kunsillier ilmenta dwar konġezzjonijiet tat-traffiku, l-aktar fil-weekends. Il-problema qed jinħoloq minħabba kju kbir ta' vetturi li jifqu f' nofs tat-Triq jistennew biex jidħlu fil-carpark ta' Intercontinental. Il-konġenzjoni tibda minn Triq il-Marbat sas-Sunrise Inn b'konsegwenza li qed tiġi mblukkata kull aċċess u ħruġ mis-Swieqi.
Il-Kunsillier irraporta li dwar din il-problema ser jiddiskuti mas-Supretendent u ma' l-Ispettur fil-laqgħa li jmiss.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA(jkompli................................)

**Kunsillier Rene' Rossignaud (jkompli............)**

4. Il-Kunsillier fakkar dwar ix-shades li kellhom jeħlu mad-dawl il ġdid fi Triq is-Swieqi wara l-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-Kuntrattur.

5. Il-Kunsillier staqsa r-raġuni li tneħħew il-floodlights li kienu imwaħħla ma' l-arbli tad-dawl il ġdid li saru wara l-ġnien. Hu ġie nfurmat li dawn tneħħew minħabba diffikultajiet tekniċi.

**Kunsillier Mario Fava**

6. Il-Kunsillier gibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-culverts li għandhom bżonn jitnaddfu quddiem l-Forex Ironmongery. Il-Kunsill qabel li jsiru kuntatti mad-dipartiment tal-cleansing.
Il-Viċi Sindku nforma li dwar dawn il-culverts hu kellu laqgħa fuq il-post ma l-uffiċjali mid-dipartiment tar-riżorsi umani. Waqt din il-laqgħa ġie ssurġġeriet li għandhom isiru xi olterazzjonijijet sabiex dawn ikunu aktar effettivi. Il-Viċi Sindku irraporta wkoll li waqt l-istess laqgħa l-uffiċjali ġew infurmati bil-culverts li jeżistu taħt it-Triq Sant'Andrija. Dawn ġew mirduma bit-tarmac.

7. Il-Kunsillier Fava rraporta li fil-Madliena fiż-żona ta' Triq Markiż J. Scicluna kuljum għal ħabta tal-5.00a.m. qed itelqu iż-żwiemel. Hu staqsa sabiex jiġu nfurmati l-Pulizija.

8. Il-Kunsillier ippropona li għandu jiġi ppublikat ktieb dwar l-istorja tas-Swieqi. Dan il-ktieb ikun ta' interes għar-residenti u l-aktar għat-tfal li jkollhom 'school projects.' Il-Kunsillier Fenech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier Fava ħa l-inkarigu li jikkomunika ma xi persuni intiżi dwar il-lokalita'.

9. Il-Kunsillier irraporta li qed ikollu diversi ilmenti mir-residenti ta' Triq il-Barmil dwar Traffic Calmer. Din qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti li joqgħodu fiż-żona. Il-Kunsill iddeċieda li din tinqala'.

10. Il-Kunsillier informa bil-bżonn ta' traffic calmer fi Triq il-Ġiebja. Dan minħabba sewqan eċċessiv u bit-trasguraġni. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi nstallata traffic calmer. Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsillier Fava biex jiltaqgħu fuq il-post u jiġi ndikat eżatt fejn din għandha tiġi nstallata.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA(jkompli................................)

**Kunsillier Alfred Curmi**

11. Il-Kunsillier irrimarka li fil-mini fl-entratura tas-Swieqi ta' sikwiet qed jeħlu posters mall-ħajt, għalkemm dawn jinqalgħu, qed iħallu warajhom ħitan mibruxa li ma jagħtux dehra sabiħa. Il-Kunsillier ippropona li jinżebgħu l-mini. Il-Kunsillier Fenech issekonda. Il-Kunsill qabel. Ġie deċiż li jsir kuntatt mas-Simon Cioffi mid-dipartiment tar-Risorsi Umani.

12. Il-Kunsillier wera diżappunt fil-pubblikazzjoni tal-magazin tal-Kunsill. Dan minħabba li xi kunsillieri ma żammewx mad-dati stipulati biex jissomettu l-artiklu tagħhom w dan minkejja diversi telefonati u emails. Il-Kunsillier irraporta wkoll li fl-aħħar laqgħa li saret tal-Kunsill, hu kien saħaq fuq id-dati li għadhom jaslu l-artikli minħabba li l-pubblikazzjoni għandha ssir sa' l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru, pero' hu ġie injorat. Għal dawn ir-raġunijiet hu mhux ser jerġa jkun responsabbli mill-ħarġa tal-magazin tas-Sena d-dieħla 2010.
Il-Kunsillier Fava staqsa sabiex il-magazin jiġi ppreżentat fil-Kunsill jew jintbagħat email lill-Kunsillieri qabel ma jiġi ppubblikat. Il-Kunsillier Curmi rraporta li dan mhux possibli minħabba li l-pubblikazzjonjijiet diġa qegħda tard biex titqassam fil-ħin stipulat.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed isiru preparamenti għall-ħarġa ta' l-offerti dwar ġbir ta' skart domestiku. Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar il-ġranet ta' ġbir ta' skart. Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġerixxa li l-ġbir għandu jkun ta' 4 t'ijiem li jkunu t-Tnejn, l-erbgħa, il-ħamis u s-Sibt. It-Tlieta u il-Ġimgħa jinġabar biss reciklaġġ. Wara diskuzzjoni il-Kunsill ikkonkluda li miħabba li fil-lokalita' hawn ħafna stranjieri, studenti u *holiday flats* il-ġbir ta' skart għandu jibqa kif qiegħed fil-preżent jiġifieri 6 darbiet fil-ġimgħa.

*Il-Kunsillieri Rossignaud u Curmi talbu li jiġu skużati. Ħin 9.15p.m.*

2. Vaganza ta' skrivana mall-Kunsill.
Saru intervisti li żewġ persuni mill-ETC sabiex waħda tiġi magħżula bħala skrivana skala 15. Dawn kienu is-Sinjorina Abigail Borg u Daniel Falzon. Iż-żewġ persuni huma kwalifikati pero' is-Sinjorina Borg għandha esperjenza ta' xogħol. Din għal xi żmien ħadmet bħala clerk l-HSBC. Il-persuna l-oħra s-Sur Falzon m'għandux esperjenza ta' xogħol. Is-Segretarju informa li l-Bord ta' l-*interviews* irrikomanda lis-Sinjura Borġ.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV(jkompli...........)

*Il-Kunsillier Shephard talab li jiġi skużat. Ħin:-9.30p.m.*

Il-Kunsillier Fenech informa li hu ta' sikwit jiġi l-Kunsill w innota kemm il arba li l-impjegati għandhom ħafna pressjoni ta' xogħol. Hu rrikomanda li għandhom jiġu impjegati żewġ persuni u mhux waħda.
Il-Kunsillier Fava rrimarka li xhur ilu, hu kien ta' l-parir li tiġi mpjegata persuna b'esperjenza ta' xogħol ta' Kunsilli Lokali u mhux jiġi mpjegat xi ħadd mingħajr esperjenza b' riżultat li jkollha tiġi mpjegata t-tieni persuna. Din tkun ta' piz finanzjarju għall-Kunsill. Għal dawn il-kummenti, il-Kunsill għal xi raġuni ma kienx ta' widen.

*Il-Kunsillier Fava talab li jiġi skużat. Ħin 9.50p.m.*

Minħabba li ma kienx baqa' quorum, is-Sindku kellha tagħlaq il-laqgħa fil-9.52p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**